## Waslet is-Siegħa

Luciano Scaglianti

```
             D    G           D
Jien se nagħtikom kmandament ġdid
           Bm    Em          A  A7
Li tħobbu 'l Alla u lil xulxin.
               D     Bm
Minn dan jagħrfukom
               D       G
Li lkoll intom tiegħi,
             D      A       A7       D    G   D
Jekk tħobbu 'l aħwa, kif ħabbejtkom Jien.
```

Waslet is-siegħa, Missier qaddis
Biex int issebbaħ lill-Iben tiegħek
Għax din hi l-ħajja, li jagħrfu lkoll lilek
Biex dawk li tajtni jgħixu lkoll miegħek.

Missier qaddis, ħarishom f' ismek
Dawk l' inti tajtni, nitlob għalihom
Kif int bgħatt lili, hekk jien nibgħat lilhom
Għax jien ħabbejthom, kif ħabbejtni int.

U għal dawk kollha li jemmnu fija
Kif inti fija u jiena fik
Hekk huma jkunu ħaġa waħda fina
Biex il-ferħ tagħhom ma jispiċċa qatt.

D G A Bm Em A7

